VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,780, 17 ta' Mejju, 2017*
*Taqsima B*

**A.L. 144 tal- 2017**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Ordni tal-2017 li jemenda l-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4 u 48 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

L.S. 452.71.

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2017 li jemenda l-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali u dan l-ordni għandu jinqara u jintftiehem ħaġa waħda mal-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ bħala "l-ordni prinċipali".

Iżid artikolu ġdid mal-ordni prinċipali.

**2.** Minnufih wara l-artikolu 3 tal-ordni prinċipali, għandu jidħol l-artikolu 4 ġdid kif ġej:

"Supplimenti mandatorji.

**4**. (1) Impjegati illi jitħallsu il-paga minima fil-ġimgħa kif stabbilita fl-Iskeda ma' dan l-Ordni, jew paga fil-ġimgħa ekwivalenti għall-paga minima kif stabbilita fl-imsemmija Skeda, għandhom, mat-tlestija tal-ewwel sena fl-impieg mal-istess prinċipal, ikunu intitolati għal suppliment mandatorju kif ġej:

(a) tliet euro (€3) fil-ġimgħa li jibdew jitħallsu mill-bidu tat-tieni sena fl-impieg biex il-paga bażika tal-impjegat konċernat tkun il-paga minima fil-ġimgħa kif stabbilita fl-Iskeda jew l-ekwivalenti tagħha ttopjata bi tliet euro (€3); u

(b) mat-tlestija tat-tieni sena, għal tliet euro (€3) oħra fil-ġimgħa li jibdew jitħallsu mill-bidu tat-tielet sena fl-impieg biex il-paga bażika tal-impjegat konċernat tkun, minn dik is-sena 'il quddiem, il-paga minima fil-ġimgħa kif stabbilita fl-Iskeda jew l-ekwivalenti tagħha, ttoppjata b'sitt euro (€6).

VERŻJONI ELETTRONIKA



(2) Impjegati illi huma imħallsa aktar mill-paga minima fil-ġimgħa kif stabbilita fl-Iskeda ma' dan l-Ordni, jew aktar mill-paga fil-ġimgħa ekwivalenti għall-paga minima stabbilita fl-imsemmija Skeda, sew jekk bis-saħħa ta' xi liġi, regolament jew ordni jew bis-saħħa ta' xi kuntratt ta' impieg, għandhom, mat-tlestija tal-ewwel sena ta' impieg mal-istess prinċipal, ikunu intitolati għal dak il-porzjon tas-supplimenti mandatorji kif hemm provdut fis-subartikolu (1) sabiex u sakemm il-paga minima fil-ġimgħa tagħhom ttopjata bl-ammonti imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ma taqbiżx il-paga minima fil-ġimgħa kif stabbilita fl-Iskeda ta' dan l-Ordni, jew paga fil-ġimgħa ekwivalenti għal paga minima fl-Iskeda ta' dan l-Ordni ttopjata bis-supplimenti stabbiliti fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1).

(3) Dawk l-impjegati illi, fit-28 ta' April 2017, kienu diġà lestew minn tal-inqas sena fl-impieg mal-istess prinċipal u li jitħallsu il-paga minima fil-ġimgħa kif stabbilita fl-Iskeda ta' dan l-Ordni, jew li jitħallsu paga fil-ġimgħa ekwivalenti għal paga minima stabbilita fl-imsemmija Skeda, għandhom ikunu intitolati għas-supplimenti mandatorji kif imsemmija fis-subartikolu (1) kif ġej:

(a) b'effett mill-ewwel (1) ta' Jannar tal-2017, it-tali impjegati għandhom ikunu intitolati għall-aġġustament ta' tliet euro (€3) fil-ġimgħa skont is-subartikolu (1);

(b) fis-sena 2018, it-tali impjegati għandhom ikunu intitolati għall-aġġustament sa massimu ta' tliet euro (€3) fil-ġimgħa skont is-subartikolu (1); u

(ċ) fis-sena 2019, it-tali impjegati għandhom ikunu intitolati għall-bilanċ biex jilħqu b'kollox iż-żieda ta' sitt euro (€6) fil-paga minima tagħhom, sakemm l-impjegati f'dik is-sena ikunu ilhom fl-impieg mal-istess prinċipal għal tal-anqas tliet snin.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kliem "impieg mal-istess prinċipal" għandu jfisser impieg mal-prinċipal illi kien ingaġġjah oriġinarjament u jinkludi entitajiet oħra fl-istess *group of companies* li minnhom jagħmel parti il-prinċipal.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(5) Minkejja kwalunkwe ħaġa oħra imsemmija fl-artikolu 33 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, f'xi liġi oħra, regolament jew Ordni: Kap. 452.

(a) impjegat li huwa intitolat għas-supplimenti mandatorji skont dan l-artikolu u li huwa ingaġġjat b'kuntratt ta' impieg definit skont l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jew skont xi leġislazzjoni sussidjarja maħruġa taħtu, ma għandux, mal-iskadenza tal-kuntratt definit ta' impieg tiegħu, ikun sostitwit b'impjegat ieħor sal-massimu ta' sena mid-data tal-iskadenza tal-kuntratt sakemm il-prinċipal ma jinfurmax lill-impjegat illi hemm raġuni ġusta u suffiċjenti illi jiġi sostitwit u ma jgħidx speċifikament dik ir-raġuni ġusta u suffiċjenti xinhi bil-miktub; u Kap. 452.

(b) fir-rigward ta' impjegat intitolat għas-supplimenti mandatorji skont dan l-artikolu u li huwa ingaġġjat b'kuntratt ta' impieg definit skont l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jew skont xi leġislazzjoni sussidjarja maħruġa taħtu, jekk, fi żmien sitt xhur mill-iskadenza tal-ewwel kuntratt ta' impieg, it-tali impjegat jiġi offrut kuntratt ieħor ta' żmien fiss, iż-żewġ perjodi għandhom jiġu ikkunsidrati bħala perjodu wieħed kontinwu." Kap. 452.